Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 21411111 Fax No. 21411414

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali H'Attard

## Laqgħa Nru. 19/2016

Data: 12 t' Ottubru 2016

Hin: 5.30 ta' filghaxija

Post: Sala tal-Bini tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | ***Stefan Cordina*** | *Sindku* |
| | ***Mark Anthony Spiteri*** | *Viċi Sindku* |
| | ***Marisa Abela*** | *Kunsillier* |
| | ***Raymond Azzopardi*** | *Kunsillier* |
| | ***Ralph Cassar*** | *Kunsillier* |
| | ***Alex Mangion*** | *Kunsillier* |
| | ***Connie Scerri*** | *Kunsillier* |
| | ***Alfred Zammit*** | *Kunsillier* |
| | ***Marica Mifsud*** | *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | ***John Debono*** | *Kunsillier Imsiefer* |
| Assenti: | | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti Mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Skrivan u *Senior Foreman*
6. Jum H'Attard 2016
7. *Update Tender Urban Greening*;
8. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
9. Approvazzjoni ta' Rapport tal-Kwart tas-Sena Apr – June 2016
10. Affarijiet Ohra;
11. Aġġornament.

**Minuti - 19/2016**

Kulhadd kien prezenti u fil-hin barra s-Sur JD peress li jinsab imsiefer.

# 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

**1.1** Approvati wara li ntalbet korrezzjoni mis-Sur Zammit fejn talab li jiddahhal il-kliem *mal-abbuz* qabel il-kliem *tat-teleworking* fis-sitt linja filwaqt li talab ukoll li jitnizzel li ma kienx hemm qbil unanimu ghall-approvazzjoni tal-applikazzjoni tat-teleworking tas-Sinjura Mifsud.

# 2. Punti mqajma mill-Minuti

**2.1** Ma kienx hemm punti mqajjma.

# 3. Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.1** Is-Sindku nforma lil Kunsill li saret kommunikazzjoni mal-WSC fejn gie mitlub li kull fejn sar thaffir ghall-pajpijiet tal-ilma tinghata kisja lit-triq kollha. Dan apparti li gie mitlub ukoll li l-kuntrattur inaddaf l-area sewwa. Is-Sur AM rrimarka li spiss residenti qed jilmentaw bi storbju bil-lejl. Is-SE qalet li bhalissa hdejn PAMA qed jahdmu bil-lejl biex ilestu u forsi ghalhekk.

**3.2** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu u s-SE kellhom laqgha mas-Sur Michael Cohen u s-Sur Silvio Scerri. Fost l-affarijiet li gew diskussi kien hemm li *speed camera* ma tistax tigi approvata f'toroq bhal Victor Vassallo minhabba li hemm it-tendenza li f'toroq twal il-karozza jnaqqsu l-velocita' kif jaslu ghall-*camera* biex imbaghad jergghu iziduh. Waqt il-laqgha issemmiet ukoll il-kwistjoni parkjar quddiem garaxxijiet u li dan huwa llegali minhabba li tigi diskriminazzjoni li jien nista' nipparkja u ghandi post rizervat quddiem il-garaxx tieghi. Is-Sur RC saqsa jekk il-ligi tkoprix dan diga' minhabba li ma tistax tikkappara parking. Is-Sur Cassar semma wkoll il-kwistjoni ta' parkegg ta' *Caravan* situwat Triq l-Istwiel.

**3.3** Is-Sur SC qal li talab lill-kuntrattur jiknes il-*village core* iktar minn darba fil-gimgha u zieda ma dan hemm xi toroq ohra li ha jibdew jinkinsu darbtejn bhat-toroq Antonio Schembri, Pitkali, Linja, Ghenba, Kananea, Pawlu Borg, Inbid. Ghaldaqstant kulhadd qabel li s-SE ghandha tahdem kemm tigi din l-istima u tinfurmahom sal-laqgha li jmiss.

**3.4** Is-Sur SC qal ukoll li ghalqet ukoll il-Call for Quotation tal-Project's Manager u l-Kunsill ircieva quote wahda biss li nfethet quddiem il-Kunsill. Is-Sinjur li tefa' l-quote kien is-

Sur Raphael Carabott ghall-prezz ta' €4560 liema kwotazzjoni giet accettata unanimament.

## 4. Korrispondenza

**4.1** E-mail minghand B.A.G. rigward talba sabiex issir bye-law li tistipula li ma jistghux jigu *obstructed Bicycle Racks.*

**4.2** E-mail minghand Charles Muscat TM rigward talba ghall-Un/loading bay fi Triq Sant'Anton. Is-Sindku qal li ga l-Kunsill kien talab li Triq Sant'Anton tigi *one-way* u din it-talba ma gietx accettata. Issa li hemm applikazzjoni l-PA sabiex isir *sanctioning* tal-bini u li l-licenzja ha tibidel ghal CLASS 4D, ghalkemm mhux ha jkun hemm tibdil fis-*seating* skond il-Perit, xorta m'hemmx lok fejn jipparkjaw vetturi goffi. Ghaldaqstant hu jhoss li l-Kunsill ghandu joggezjona ghax finalment is-servizz il-Kunsill lir-residenti jrid itih u ga hemm problemi ta' parkegg bizzejjed. Is-Sur RC qal ukoll li l-hwienet ihallsu l-licenzji imma xejn ma jigi lura lejn il-Kunsill.

## 5. Skrivan u *Senior Foreman*

Is-SE ressqet ghat-tieni darba ghall-attenzjoni tal-Kunsill komunikazzjoni mid-DLG rigward l-eta' tal-irtirar tal-iskrivani i.e. is-Sur Philip Caruana u s-Sinjura Julie Cachia u dan wara li waqt laqgha hi qajmet l-issue li sentejn ilu kienet irceviet korrispondenza minghand DLG li numru ta' persuni fosthom is-Sur Philip Caruana kienu lahqu l-eta' tal-irtirar u kellhom jirtiraw. Dakinhar il-Kunsill kien iddecieda li jirribadixxi l-istruzzjonijiet minhabba li ghalih il-haddiema kienu taht il-kotba tal-Kunsill u ghalhekk ir-regolamenti applikabbli ghall-haddiema mal-Gvern ma kienux applikabbli ghalih. L-HR fi hdan DLG ikkwotat li r-responsabbilta' li l-haddiema jimxu mal-PSMC kienet taghha w'ghaldaqstant dawn kellhom jirtiraw. Is-Sur MS qal li l-Kunsill kien ga ddiskuta dan l-issue u la s-servizz moghti hu tajjeb ghandhom jibqghu. Hu kompla billi qal li l-Kunsill ghandu jiehu l-parir tal-Union kif ukoll tal Avukat Dr. Ian Spiteri Bailey u ghalhekk jizdied iz-zmien sakemm tittiehed azzjoni definittiva. Is-SE qalet li s-Sinjura Cachia, li kienet prezenti ghall-laqgha kienet ga hadet parir legali fejn intqal lilha li tali stuzzjonijiet immorru kontra d-drittijiet taghha u kontra l-ligi tal-Unjoni Ewropeja. Qalet ukoll li dawn l-istruzzjonijiet ga gew ribattuti darbtejn u li tal-parir li wiehed jara sew. Is-Sur Alfred Zammit qal li s-Sur Caruana tajjeb f'xoghlu. Il-Kunsill qabel li jittiehed parir legali u jistenna.

## 6. *Jum H'Attard 2016*

**6.1** Dan se jsir nhar il-25 ta' Novembru u n-nomini jaghlqu fil-11 ta' Novembru. Is-Sur SC ghandu jiehu hsieb il-programm mal-banda biex jipprocedu bhas-soltu u dan wara li ma semax minghand Joseph Calleja dwar possibilta' li jiehu sehem f'Jum H'Attard.

## 7. *Update Tender Urban Greening*

**7.1** Is-Sur RC qal li l-progett ghandu jibda dalwaqt u li ghandhom jibdew jithaffru l-konok. Rigward il-progett tal-Librerija l-Gdida qal li s-Sinjura Gabby Mallia qed tinsisti fuq l-ahhar ftit irtokki specjalment li jigi kkuntatjat is-Sur Paul Galea tal-Malta Railway sabiex jaraw x'jistghu joffrulhom u dan biex meta tohorg ufficcjalment l-applikazzjoni ikunu preparati. Dan jinkludi wkoll li l-Kunsill ikollu f'idejh xi korrispondenza dwar id-devoluzzjoni mid-Dipartiment tal-Artijiet.

## 8. *Approvazzjoni ta' Pagamenti*

**8.1** Approvati.

## 9. *Approvazzjoni ta' Rapport tal-Kwart tas-Sena Apr – Gun 2016*

**6.1** Approvat.

## 10. Affarijiet Ohra

**10.1** Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Saqsa fuq it-tabelli Storici ta' hdejn il-Kappella Sant'Anna u ta' hdejn il-Knisja Wahda ordnata u l-ohra se tigi ordnata.
- Fakkar fuq il-gurnata ta' riciklaġġ tal-hwejjeg li hi fit-22 t'Ottubru.
- Saqsa fuq xi flus li bi hsiebhom johorgu bi Skemi ir-Regjun. Is-SE qalet li kien hemm xi prezentazzjonijiet min-naha tal-Gvern lir-Regjuni imma s'issa ma rcevew xejn.
- Saqsa fuq il-konok ta' Gnien il-Kunsill. Is-SE qalet li ghalkemm ghandha l-approvazzjoni tal-PA imma li qed tistenna l-approvazzjoni tal-PA fuq ir-recintar tal-Gnien imma jekk tigi bit-tul iccaqlaq is-sigar qabel.

**10.2** Is-Sinjura Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Li Triq il-Ponsjetta fil-kanal rega' hemm riha ta' drenagg.

**10.3** Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Qal li mhux sa jerga' jsemmi l-hajt imma hemm certu hmieg fil-*front garden* ta' Casa Completa li forsi jista' jsir xi haga mill-Kunsill. Is-Sur MS qal li rigward il-hajt jibqa' jghid li dak mhux tal-Kunsill filwaqt li s-Sur RC u s-Sur SC qalu li quddiemu dak kollu privat u l-Kunsill mhux ha jidhol u jnaddaf fil-privat.

**10.4** Is-Sinjura Connie Scerri ressqet dawn il-punti:

- Talbet sabiex jinzabru s-sigar ra' Triq Sant'Anton u Qrib Sant'Anton.
- Saqsiet fuq it-trinka li qed issir hdejn id-dar taghha u sabiex titnaddaf il-gardina.

**10.5** Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Kaptella fuq il-bankina nieqsa fi Triq l-Imdina.

## 11. Aġġornament

**11.1** Il-laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgha, 16 ta' Novembru fil-5.30pm

**IFFIRMATA**

***Stefan Cordina***
*Sindku*

**IFFIRMATA**

***Marica Mifsud***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 16 ta' Novembru 2016